

# Kawżi magħquda C-75/05 P u C-80/05 P

## Ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja *et*

vs

## Kronofrance SA

“Appell — Għajjuna mill-Istat — Deċiżjoni tal-Kummissjoni li ma tqajjimx oġġezzjonijiet — Rikors għal annullament — Ammissibbiltà — Partijiet interessati — Għajjuna regionali għal proġetti kbar ta’ investment — Qafas multisettorjali tal-1998”

Konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Y. Bot, ippreżentati fis-6 ta’ Marzu 2008 . . . I - 6622

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (L-Ewwel Awla) tal-11 ta’ Settembru 2008 . . . I - 6653

### Sommarju tas-sentenza

1. *Rikors għal annullament — Persuni fiżiċi jew ġuridiċi — Atti li jikkonċernawhom direttament u individwalment*  
(Artikolu 88(2) u (3) KE, u r-raba’ paragrafu tal-Artikolu 230 KE; Regolament tal-Kunsill Nru 659/1999, Artikolu 1(h))
2. *Appell — Aggravji — Evalwazzjoni żbaljata tal-fatti u tal-provi — Inammissibbiltà — Stħarriġ mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-evalwazzjoni tal-fatti u tal-provi — Esklużjoni ħliet fil-każ ta’ żnaturament*  
(It-tieni paragrafu tal-Artikolu 225(1) KE; Statut tal-Qorti tal-Ġustizzja, l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 58)

3. *Għajnuna mogħtija mill-Istati — Eżami mill-Kummissjoni — Setgħa diskrezzjonali tal-Kummissjoni — Possibbiltà li jiġu adottati linji gwida*  
(Artikolu 87(3) KE; qafas multisettorjali tal-għajnuna reġjonali għal proġetti kbar ta' investment)
4. *Proċedura — Miżuri istrutturji — Stħarriġ mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-evalwazzjoni mill-Qorti tal-Prim'Istanza tal-bżonn li tiġi kkompletata l-informazzjoni — Esklużjoni ħlief fil-każ ta' żnaturament*  
(Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Prim'Istanza, Artikolu 64)

1. Fil-kuntest tal-proċedura ta' eżami tal-għajnuna mill-Istat prevista fl-Artikolu 88 KE, meta, mingħajr ma tiftaħ il-proċedura tal-Artikolu 88(2) KE, il-Kummissjoni tikkonstata, abbażi tal-Artikolu 88(3), li għajnuna mill-Istat hija kompatibbli mas-suq komuni, il-benefiċjarji tal-garanziji proċedurali previsti fl-Artikolu 88(2) jistgħu jiksbu l-osservanza ta' tali garanziji biss jekk ikollhom il-possibbiltà li jikkontestaw din id-deċiżjoni quddiem il-qorti Komunitarja. Konsegwentement, meta, permezz ta' rikors għal annullament kontra deċiżjoni tal-Kummissjoni meħuda wara eżami preliminari, rikorrenti titlob li tikseb l-osservanza tal-garanziji proċedurali previsti mill-Artikolu 88(2) KE, is-sempliċi fatt li din għandha l-istatus ta' parti interessata, fis-sens ta' din id-dispożizzjoni, huwa biżżejjed sabiex titqies bħala direttament u individwalment ikkonċernata fis-sens tar-raba' paragrafu tal-Artikolu 230 KE.

L-interessati huma kull Stat Membru u kull persuna, impriża jew assoċjazzjoni ta' impriżi li l-interessi tagħhom jistgħu jkunu affettwati bl-għoti ta' għajnuna, b'mod partikolari l-benefiċjarju tal-għajnuna, l-impriżi li jikkompetu mal-benefiċjarji ta' din l-għajnuna u l-organizzazzjonijiet professjonali.

Fl-eżami tal-ammissibbiltà ta' rikors quddiem il-Qorti tal-Prim'Istanza, il-Qorti tal-Prim'Istanza, wara li tivverifika li r-rikorrenti tista' titqies li hija "parti interessata" fis-sens tal-Artikolu 88(2) KE u l-Artikolu 1(h) tar-Regolament Nru 659/1999, mhijiex marbuta teżiġi wkoll li jintwera li l-pożizzjoni ta' din il-parti fis-suq hija affettwata b'mod sostanzjali permezz tal-adozzjoni tad-deċiżjoni kkontestata.

(ara l-punti 37-40, 43, 44)

2. Fil-kuntest ta' appell, l-evalwazzjoni tal-fatti magħmula mill-Qorti tal-Prim'Istanza mhijiex suġġetta għall-istħarriġ tal-Qorti tal-Ġustizzja ħlief fil-każ ta' żnaturament tal-fatti u tal-provi ppreżentati quddiem il-Qorti tal-Prim'Istanza.

(ara l-punti 47-49)

